MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2009

Numru. 1131/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI**
**KONTRA**

**HASAN HASAN**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Hasan Hasan ta’ 43 sena, bin Awad u Sakina, mwieled Edlib, Sirja nhar il- 5 ta’ Lulju 1967, residenti fil- fond numru 37, Is- Sebh, Triq is- Sikka, M’Scala, numru tal-passaport 2645865;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fil- gimghat ta’ qabel it- 23 ta’ Ottubru 2009 f’ dawn il-Gzejjer ircieva zewg passaporti Sirjani li gew trasferiti lilu minn persuni ohra bi ksur tal- Artikolu 3 (b) tal- Kapitolu 61 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputati irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’ dawn il-proceduri. Hu ghandu fedina penali netta u ilu jghix Malta ghal dawn l-ahhar 14-il sena. Mid-dokumenti esebiti rrisulta li l-imputat kellu fil-pussess tieghu passaporti ta’ terzi, li hu jghid li huma ta’ familjari tieghu, sabiex jipprova japplikalhom ghax-xoghol hawn Malta. Dan fih innifsu hu r-reat li ghalih tressaq l-imputat, u ghalhekk il-Qorti, ghalkemm sejra taghti piena ta’ prigunerija, m’hix ser iddahhalha fis-sehh izda ser izzommha sospiza ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 3 (b) tal- Kapitolu 61 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena (1) prigunerija sospiza ghal sentejn (2) ai termini tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------